INTERMEZZ
Rassenja ta' Kultura minn kullimkien

minn Mario Azzopardi

# RIĦ MIN-NOFSINHAR

L-Awturi dwar it-Tibdil fil-Klima

Fl-2007 ħareġ rapport importanti dwar it-tibdil fil-klima minn grupp intergovernattiv. Hu ċar li t-tibdil fil-klima qiegħed jaffettwa ħafna deċiżjonijiet politiċi, iżda dan hu argument li qed inissel interess anki fl-awturi madwar id-dinja u f'dan il-kuntest, in-*Neue Zurcher Zeitung* fl-Iżvizzera kien ħareġ stedina lill-kittieba internazzjonali biex jagħtu l-perspettiva tagħhom. Kienu mistiedna awturi minn kullimkien, miż-żona tal-Alpi sal-Indja, mill-pajjiżi ċatti bħall-Olanda sal-kontinent Afrikan.

L-istil li bih qed jittrattaw l-argument awturi internazzjonali jvarja minn kitba sobrija sa parodija.

Anki f'Malta l-problema dwar it-tisħin globali interessat lil diversi awturi u aktar kmieni din is-sena, Immanuel Mifsud u Adrian Grima, żewġ kittieba tan-"*next generation*" biex nuża t-terminu li uża dan l-aħħar il-kritiku Charles Briffa meta rrefera għall-awturi l-ġodda, ikkuraw antoloġija qasira, *Riħ min-Nofsinhar*, fejn huma stess, flimkien ma' kittieba oħra Maltin, u anki ġurnalisti u ħaddiema mill-Volontarjat, Maltin u barranin, jitnebbħu mit-tibdil fil-klima. L-ewwel edizzjoni modesta tal-ktieb kienet dehret f'Ġunju tal-2008, iżda issa ħarġet it-tieni edizzjoni bħala parti mill-proġett Playing Fair Alternatives, ko-finanzjat mill-Unjoni Ewropea.

Din ir-rubrika intervistat liż-żewġ awturi lokali.

## Adrian Grima

***X'inhi r-realtà dwar kif it-tibdil fil-klima qed jaffettwa lill-awturi lokali?***

L-awturi li sikwit naħdem magħhom jien jilqgħu b'entużjażmu kull proposta biex jimpenjaw ruħhom fuq kwistjonijiet attwali li jolqtu lin-nies fil-laħam il-ħaj fuq livell lokali u globali. Naturalment xi ħadd irid jieħu l-inizjattiva.

Dan il-proġett ta' *Riħ min-Nofsinhar* beda meta l-Koperattiva Kummerċ Ġust ħarġet bl-idea li l-festival tal-kummerċ ġust WorldFest tal-2008 jiffoka fuq it-tibdil fil-klima u talbitni, bħala wieħed mill-membri, biex nieħu ħsieb il-kunċert. Fl-2007 kont esperimentajt bis-sehem tal-kittieba fil-kunċert tal-WorldFest – it-tema dik is-sena kienet it-tfal li jkollhom jaħdmu – u ħassejt li l-idea kienet irnexxiet. Fil-fatt konna ħriġna ktejjeb bl-isem ta' *Tibża' Xejn Jekk Tibda x-Xita* li jista' jitniżżel b'xejn minn fuq www.skarta.org.

Fl-edizzjoni tal-2008 xtaqt naħdem ma' Immanuel fuq proċess ta' riċerka u kitba dwar it-tema tat-tibdil fil-klima. It-tnejn flimkien iltqajna ma' bosta nies, mir-refuġjat Eritrew Siem Gabir

sal-politiku Harry Vassallo; qrajna bosta dokumenti; u ddiskutejna t-temi u dak li konna qegħdin niktbu. Jien ġej minn esperjenzi pożittivi ħafna ta' kollaborazzjoni f'Inizjamed u f'għaqdiet oħrajn u għalhekk imdorri nagħmel dat-tip ta' proġetti kreattivi ma' attivisti, kittieba u artisti differenti.

***Il-ktieb li ħriġtu hu dedikat lil "dawk min-nofsinhar li qed jaħarbu minn klima dejjem aktar ostili". Min huma sewwasew dawn it-talin u għaliex qed tgħidu li "qed jaħarbu"?***

L-isem *Riħ min-Nofsinhar* ħadnieh mill-kitba tal-bidwi Joseph Sciberras mill-Koperattiva Rurali tal-Manikata li hemm fil-ktieb. Hemmhekk qed jirreferi għall-miġja dejjem iktar ta' spiss tar-riħ isfel li hija wieħed mis-sinjali tat-tibdil fil-klima f'Malta. Imma għalija u għal Immanuel it-titlu jirreferi wkoll għall-persuni li qed jaħarbu mill-gwerer, mill-faqar estrem u mid-deżertifikazzjoni fin-Nofsinhar tad-dinja, fil-każ tagħna l-Afrika, biex jippruvaw jibnu ħajjithom mill-ġdid fin-Naħa ta' Fuq.

It-titlu jissuġġerixxi wkoll l-enerġija kbira ġejja min-Naħa t'Isfel. Il-futur tal-Mediterran jinsab fil-popolazzjonijiet fin-Nofsinhar. Nofs il-popolazzjoni tal-Alġerija fl-2003 kellha inqas minn 19-il sena; żewġ terzi tal-Marokkini kienu taħt it-30. Fl-Ewropa tal-Punent kien hemm nies taħt il-15-il sena daqskemm kien hemm anzjani li qabżu l-65.

***Hu ċar li t-tibdil fil-klima qed jaffettwa deċiżjonijiet politici.  F'dan ix-xenarju kemm jista' jkun effettiv l-awtur?***

Immanuel u jien ridna li dan il-ktieb jispjega ftit x'qed jiġri fid-dinja, imma ridna fuq kollox nirrakkontaw l-istejjer, sikwit traġiċi, tan-nies li qed ibatu l-aktar minħabba t-tibdil fil-klima. Għax għalija d-deċiżjonijiet politiċi mhumiex importanti fihom infushom imma minħabba l-konsegwenzi li jħallu fuq il-bnedmin, speċjalment dawk li għandhom poter limitat ħafna fuq id-destin tagħhom. Anki f'*Rakkmu* (KKM, 2006) il-kwistjonijiet politiċi u soċjali l-kbar nirrakkontahom dejjem mill-perspettiva tal-bnedmin li jġarrbu l-effetti tagħhom.

***Lil min ħsibtu li jista' jindirizza volum bħal* Riħ min-Nofsinhar*?***

Għalija *Riħ min-Nofsinhar* huwa ktieb għal "kulħadd." Mhux biss għax kitbu fih ħafna nies bravi imma "komuni," imma għax il-lingwaġġ tiegħu huwa infurmat imma mhux tekniku ħafna. Meta kont qed nikteb il-poeżiji kelli f'moħħi l-kunċert tal-WorldFest f'lejla sħuna ta' Ġunju fil-Barrakka ta' Fuq. U għalhekk quddiemi kelli udjenza minn oqsma differenti tas-soċjetà Maltija, mhux biss nies midħla sew tal-letteratura jew kwistjonijiet ambjentali. Użajna ħafna r-ritmu regolari u r-rima, u magħhom l-ironija u r-rabja, u naħseb li ktibna poeżiji li għandhom ċerta immedjatezza.

***Kemm taħħsbu li l-awturi Maltin huma lesti li jippronunzjaw ruħhom dwar materji daqstant politiċi?***

Għalija bħala awtur il-kwistjoni ewlenija mhix jekk l-awturi jitkellmux dwar materji soċjali u politiċi imma *kif* jitkellmu fuqhom. Fl-aħħar mill-aħħar, l-isfida għall-kittieba hija dejjem li jiktbu tajjeb, li dejjem ifittxu li joħolqu lingwaġġ letterarju b'saħħtu li joffri esperjenza artistika awtentika.

Naħseb li ħafna awturi Maltin huma lesti li jitkellmu fuq temi bħall-ġustizzja soċjali, il-moralità fil-politika u fin-negozju, il-qerda maħsuba u sistematika tan-natura, u r-razziżmu kroniku, imma wħud jippreferu jagħmlu dan "fl-irdoss" tax-xogħlijiet letterarji tagħhom iktar milli fil-pubbliku u fuq il-mezzi tax-xandir. Imma dan la jgħodd għalija u għal Immanuel, u lanqas għal Walid Nabhan, Clare Azzopardi, Mario Cardona, Karl Schembri, biex nagħti ftit eżempji mill-ġenerazzjoni l-ġdida tal-kittieba Maltin.

Barra minn hekk, ħafna mill-programmi fuq il-mezzi tax-xandir tagħna ma jridux japprofondixxu u għalhekk jista' jkun li l-kittieba, u mhux biss il-kittieba, bir-raġun ma jarawx skop li jieħdu sehem fihom.

***L-antoloġija li ħriġtu tmiss anki r-realtà ekonomika, ngħidu aħna kif it-tisħin globali jista' jolqot lil Malta mill-aspett turistiku. Kemm taħsbu li huma lesti l-ekonomisti li, minbarra lill-politiċi, jilleġittimizzaw anki lil dak li jgħidu poeti bhalkom?***

Il-fatti ma jista' jiċħadhom ħadd, sakemm ma jkollux interess li jiċħadhom.

Naħseb li wieħed mid-dnubiet ewlenin tal-politiċi u l-ekonomisti Maltin mis-snin tmenin 'l hawn kien li dejjem irrifjutaw li jaraw il-prezz soċjali u ekonomiku tal-massakru li sar fl-ambjent Malti f'isem in-negozju u l-progress, prezz li issa qed jitħallas mid-Diviżjoni tas-Saħħa u l-Ministeru tal-Finanzi u mill-iktar nies vulnerabbli. Niftakar ċar konferenza pubbliku dwar il-Mediterran li saret anqas minn għaxar snin ilu li fiha Ministru prominenti Nazzjonalista qagħad jiddieħaq bl-ambjentalisti għax bdew jagħfsuh dwar il-prezz qares tat-tibdil fil-klima…

Anki llum, hawn min jgħid li minħabba l-kriżi finanzjarja internazzjonali, dan mhux iż-żmien li noqogħdu nparlaw fuq il-ħsara li qed issir fl-ambjent. Jien, bħal ħafna oħrajn, naħseb eżatt bil-maqlub: li ladarba din il-bidla fil-mentalità favur stil ta' ħajja iktar sostenibbli ma saritx għoxrin, tletin sena ilu, dan iż-żmien ta' kriżi fil-mudell neoliberali huwa ideali biex nippromwovu stil ta' ħajja inqas vjolenti kontra n-natura. U din tkun għażla favur il-ġustizzja soċjali, għax l-iktar nies li jbatu f'ambjent degradat u fi klima li qed issir iktar aktar aggressiva huma l-fqar u l-iktar nies dgħajfa.